MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2013

Numru. 578/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**VS**

**Josephine Tabone, bint John Saliba u Francesca nee' Buttigieg imwieled fid-29 ta' Marzu 1943 u residenti Avalor, Triq il-Punici, Munxar, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 31843(G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Josephine Tabone akkuzata talli nhar id-19 ta' Gunju 2008 ghal habta ta' 17:45hrs fi Triq il-Knisja, Xewkija, Ghawdex:-

1. volontarjament kisret il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.
2. Volontarjament ghamlet hsara fil-bieb tar-residenza numru 22 liema hsara ma teccediex €23.29 (Lm10).
3. Gabet ruhha b'mod li tat fastidju lil familja Xuereb.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi dina l-kawza kienet miexja kontestwalment mal-kawza Il-Pulizija vs Francesco Xuereb (Kump.Nru.53/2008), deciza wkoll illum minn dina l-Qorti. Kwindi a skans ta' repetizzjoni, il-Qorti ser taghmel referenza ghal motivazzjoni migbura fl-imsemmija sentenza.

**L-ewwel akkuza:**

Illi l-imputata tinsab akkuzata bil-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika. Illi l-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):
'*L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.*

*L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa*

*oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali*.'

Illi ma hemmx dubbju illi fil-jum ta' dana l-incident kien hemm storbju shih ghaddej fit-triq, tant illi l-PC870 hass illi kellu jmur jaghmel rapport l-Ghassa minhabba l-fatt li gie allarmat u haseb li kienet ghaddejja xi glieda. Il-pulizija li xehdu wkoll ighidu illi dana l-ghajjat instema' sahansitra mill-Ghassa tal-Pulizija. L-ghajjat kien gej l-iktar minn vuci femminili u cioe' dak tal-imputata li tigi osservata minn diversi nies fit-triq tghajjat u taghmel hafna storbju u dana ghax dehrilha li ohtha kellha tiftah il-bieb ta' barra u tkellimha. Kwindi l-akkuza tirrizulta ampjament ippruvata u l-imputata ser tinsab hatja tal-istess.

**<u>It-tieni akkuza dwar il-hsara volontarja</u>**

Illi l-imputata tinsab akkuzata bir-reat tal-hsara volontarja u dana a tenur tal-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9. Illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza. Illi mix-xhieda li jaghti l-parti leza Francesco Xuereb f'dina l-kawza jidher illi huwa ma riedx jiehu passi kriminali fil-konfront tal-imputata u ghalkemm mill-provi jirrizulta illi l- hsara fil-bieb ta' barra tad-dar tieghu kien jammonta ghal €10, madanakollu jghid illi qed jirrinunzja ghal hlas tal-istess mill-imputata. Ighid:

"Lill-pulizija ghidtilhom ghal darba darbtejn li ma xtaqtx immexxi kontra taghha ….. Nghid madanakollu li jiena m'jien qed nippretendi xejn ta' dina l-hsara minghand Guza Tabone."

Illi fid-dawl ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, il-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-procediment ezawrit in konnessjoni ma' dina l-akkuza.

**<u>It-tielet akkuza dwar il-fastidju</u>**

Illi l-imputata tinsab akkuzata wkoll bir-reat tal-hekk imsejjah "harassment" kif previst fl-artikolu 251A tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Inhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi l-*harassment.* Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti hemmhekk jikkwota lil Blackstone (**Blackstone's Criminal Practice, 2008)** :

**"….The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Illi mix-xhieda tal-parti leza u l-familja tieghu jidher illi l-imputata kellha l-vizzju illi ddejjaqhom kemm bit-telefon, kif ukoll permezz ta' ittri u anke billi tmur thabbtilhom il-bieb ta' barra tad-dar taghhom, kif ghamlet ukoll f'dina l-okkazzjoni. Jidher illi ghalkemm huma kienu wissuha biex thalliehom bi kwiethom, hija xorta wahda baqghet tippersisti fl-azzjonijiet taghha tant illi anke fil-mori ta' dawn il-proceduri nqala' incident iehor. Jidher illi dina l-imgieba minn naha tal-imputata ilha ghaddejja ghal snin twal. Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-istess.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 251A u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawrit in konnessjoni mat-tieni akkuza, issibha hatja tal-kumplament, izda wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputata

bil-kundizzjoni li ma tikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul dana l-perijodu ta’ liberta’ kondizzjonata.

Finalment wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lil hatja b’obbligazzjoni taghha nnifsha taht penali ta’ elf  ewro (€1000) ghal zmien sena mill-lum sabiex izzomm il-paci ma’ Francesco Xuereb, Maria Xuereb u Josephine Dingli.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------